MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

Il-Ħamis, 14 ta' Mejju, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fil-17:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Ġorġ Camilleri – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

SKUŻAT:

Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 13.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

13.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa nr. 12 li kienu meqjusa moqrija.

13.1.2 Il-Kunsillier George Camilleri qal li huwa mhuwiex qed jaqbel ma' parti minn punt numru 12.3 tal-minuti. Huwa qal illi l-parti *'inkella ċ-Ċentru għandu jingħalaq'* mhux jaqbel magħha għax huwa ma qalx dan il-kliem. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel illi s-sentenza għandha tinqara kif ġej: *'Huwa tenna li ma jridx jerfa' responsabbilta' tiegħu għax dan il-pagament għandu jingħata mill-Ministeru tat-Turiżmu u mhux mill-Kunsill.'*

13.1.3 Il-bqija tal-minuti tal-laqgħa ġew approvati.

## 13.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

13.2.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-impjegata l-ġdida tal-Kunsill, Loretta Cauchi, għandha bżonn ta' laptop ġdid peress li l-computers li hemm huma qodma. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

13.2.2 Is-Sindku semma l-online reading u l-crafts li qed isiru f'dan iż-żmien tal-COVID-19. Fl-aħħar ta' Mejju ser jieqfu tnejn minnhom. Huwa qal illi għandna nitolbuhom il-kont sabiex jithallsu. Kulħadd qabel ma' dan.

13.2.3 Is-Sindku semma illi sab kumpanija sabiex tgħinna fil-bini taċ-Ċentru Ċiviku billi napplikaw għal fondi mill-Unjoni Ewropeja.

13.2.4 Dwar iċ-Ċentru tad-Dwejra, is-Sindku stqarr illi tkellem mal-Ministru Aaron Farrugia illi qed jiddiskuti ukoll mas-CEO tal-ERA li qed tipprova tgħin biex iċ-Ċentru ikun inkorporat fil-pjanijiet tagħhom.

13.2.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi tkellem mas-Sur Alvin Scicluna ta' CVC Media sabiex jagħmel video għall-Facebook page tal-Kunsill. Kulħadd qabel ma' dan.

13.2.6 Is-Sindku qal illi ntefa' xi żibel fi Triq Wied Merill u kellna nġibu skip li ser jiġi jiswa Eur150.

13.2.7 Is-Surmast tal-iskola għamel talba lill-Kunsill sabiex il-Kunsill jgħin biex jitranġa ħajt fl-iskola. It-talba hija ta' Eur285 iżda l-Kunsill qabel li ma jistgħax iħallas dan l-ammont. Ġie deċiż li l-Kunsill iħallas parti mill-ispiża li tkun ta' Eur100.

13.2.8 Id-Deputat SE ressqet email mill-AKL dwar id-depożitu ta' muniti fil-bank BOV. Peress li dan il-bank mhux ser jaċċetta li jiġu depożitati aktar muniti, l-AKL ser tipprova tasal f'arranġament mal-BOV. Il-Kunsill qabel li għandna nkunu parti minn dan l-arranġament.

## 13.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.3.1 Il-Kunsillier George Camilleri qal ukoll illi huwa lanqas jaqbel ma' punt numru 12.2.4 tal-minuti fejn kien ġie deċiż illi t-terminu ta' snin sakemm il-Kunsill għandu jżomm dettalji personali ta' persuni għandha tkun ħames snin. Is-Sindku nfurmah illi din kienet deċiżjoni li diġa ttieħdet fil-laqgħa l-oħra illi għaliha huwa kien preżenti u issa ma nistgħux noqogħdu nibdlu d-deċiżjonijiet. Id-Deputat SE spjegatlu eżattament x'kienet tfisser dik id-deċiżjoni u għal kienu qed jirreferu il-ħames snin. Il-Kunsillier Camilleri fehem u aċċetta li jaqbel ma' dik id-deċiżjoni iżda hu kien fehem mod ieħor. Huwa spjega illi qal dan peress li ser jitlob kopja tal-kuntratt tad-Dwejra Interpretation Centre Attendant. Is-Sindku żied jgħid li dak huwa kuntratt pubbliku u kulħadd jista' jarrah. Is-Sindku kompla jiċċara l-fatt liid-Dwejra Interpretation Centre kien proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja u għalhekk il-Kunsill jibqa' obbligat li jmexxih la ħa l-fondi tiegħu u li d-Dwejra tifforma parti minn San Lawrenz. Huwa żied li l-interess tan-nies ta' San Lawrenz dejjem kien salvagwardat u l-Kunsill qatt ma ċaħħad lin-nies ta' San Lawrenz mill-bżonnjiet u llum għandna raħal li kulħadd ifaħħar.

13.3.2 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa staqsa dwar l-underground Bring In Sites. Is-Sindku qal illi dawn ilhom ħafna ġejjin minn barra u minħabba l-pandemija għadna qed nistennewhom.

13.3.3 Il-Kunsillier George Camilleri staqsa dwar il-monument ta' San Lawrenz. Is-Sindku wieġeb illi huwa reġa' kkonferma mas- Sur Michael Buhagiar illi dan ser jitranġa b'għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex.

## 13.4 Inawgurazzjoni u użu tal-Electric Car u Electric Bicycles

Is-Sindku qal illi l-kuntratt tal-karozza ġie ffirmat u dwar ir-roti ġbarna l-quotes u ordnajnihom. Ser napplikaw ukoll għal Eur6,000 grant li jtihomlna lura l-Gvern peress li xtrajna karozza bl-elettriku. Is-Sindku żied billi ppropona li l-għaqdiet għandhom ikollhom l-opportunità tal-użu ta' din il-karozza ukoll iżda għandna nagħmlu kuntratt li jirrisponsabilizza lil dawk li jużawha. B'hekk il-Kunsill ikun kopert f'każ ta' xi incident jew ħsara. Għalhekk ġie deċiż illi nkellmu lill-Avukat sabiex jagħmlilna kuntratt li jkun jista' jintuża kemm għall-karozza u anke għar-roti.

Dwar ir-roti, is-Sindku qal li s-sistema għandha tkun fuq bażi ta' first come first served u jibbukkjawhom minn qabel. Bħala garanzija, min ser juża r-rota jista' jħalli l-Passaport jew il-Karta tal-Identita' fl-uffiċju tal-Kunsill pero' dawn l-affarijiet niddiskutuhom mal-Avukat.

Dwar insurance ser naraw għandiex issir third party jew full u naraw Kunsilli oħrajn li għandhom il-vetturi tagħhom x'għamlu.

## 13.5 Urban Greening Initiative

Is-Sindku qal illi l-Ministru Aaron Farrugia ikkuntatja u wegħdu li ser jagħti Eur10,000 lill-Kunsill sabiex jitħaddar ir-raħal. Is-Sindku għamel rapport dwar x'jista' jsir f'dan il-proġett u ppreżentah waqt din il-laqgħa. Huwa spjega kif jista' jsir embellishment bis-siġar u l-pjanti

fil-pjazza, fuq il-belvedere u anke fil-playing field. Huwa semma li s-somma ntelgħet għal aktar minn €10,000, u ġiet aktar minn €20,000. Is-Sindku semma li xorta ħa jippreżenta l-proposta oriġinali dik ta' €20K u ser jillobbja sabiex ningħataw l-flus kollha.

## 13.6 Is-sitwazzjoni tat-toroq

Is-Sindku stqarr illi ġie infurmat mill-Chief of Staff tal-Ministeru għal Għawdex li t-talba li kien għamel sabiex jiżdiedu l-flus għal Triq il-Wileġ ġiet aċċettata u qallu li ser nirċievu konferma mingħand id-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb. Is-Sindku qal li qed jiġri wara l-kuntrattur biex jibda x-xogħol.

## 13.7 Aġġornament fuq talbiet dwar is-sitwazzjoni tad-Dwejra

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill illi suppost ser naslu mal-MTA sabiex issir CCTV permanenti fil-pjazza tad-Dwejra. Il-Kunsillier George Camilleri issuġġerixxa illi din is-CCTV tista tkun taħdem b'pannella. Is-Sindku qal li jista' jkun li huwa suġġeriment tajjeb iżda saħaq fuq l-importanza illi l-ewwel l-importanti li l-ewwel jikkonvinċi lill-Awtoritajiet li għandha ssir din is-CCTV.

## 13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 13.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis-18:20 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2020 fil-17:00.

**IFFIRMATA**

Noel Formosa
Sindku

**IFFIRMATA**

Marianne Sagona
Deputat Segretarju Eżekuttiv